# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-28 ta' Dicembru 2001

Fl-atti tal-avviz Numru 43/01GT(GM)
fl-ismijiet:

Salvu Cassar

-vs-

Tarcisio Azzopardi

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150), ammont dovut fuq merkanzija li giet ikkonsenjata lilu fuq struzzjonijiet tieghu stess.

Talab li jhallas ukoll l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja mibghuta lilu u l-ittra ufficjali ta' Marzu 2001.

Ra r-risposta fejn il-konvenut eccepixxa li qed jikkontesta t-talbiet ta' l-attur fid-dritt u fil-fatt stante li ma hu dovut ebda hlas minnu lejn l-attur ghal xi merkanzija mixtrija minghandu. Fil-fatt il-konvenut xtara cylinder head minghand l-attur bil-prezz ta' tmenin lira Maltija (Lm80) u l-hlas relttiv ghamlu permezz ta' cheque fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001).

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Sema' l-provi u ra d-dokumenti esibiti

Ikkunsidra:

Illi d-divergenza tal-partijiet hija dwar il-prezz pattuwit ghall-bejgh ta' *cylinder head* li l-attur qieghed jghid li talab tieghu LM150 mentri l-konvenut qieghed jghid li l-prezz miftiehem kien LM80.

Illi l-verzjoni tal-attur hija msahha bix-xhieda tal-mekkanik tal-konvenut, li qal li l-impjegati tal-attur meta hadulu c-cylinder head enfasizzaw li prezzha kien LM150. Il-mekkanik gibed l-attenzjoni ta' dan lill-konvenut, li ghalkemm sostna li l-prezz kien LM80, ma marx ikellem lill-attur u accetta c-cyclinder head. Di piu', meta giet ikkunsinnata c-cylinder head, fis-26 ta' Dicembru 2000, l-attur hareg invoice, li taha lill-mekkanik, bil-prezz ta' LM150, u esebixxa l-kopja li tifforma parti mill-kotba tan-negozju tal-attur.

Min-naha tieghu, il-konvenut ghandu favur tieghu il-kelma tieghu biss.

Ghaldaqstant, billi t-talba tal-attur tinstab sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' LM150 ammont dovut fuq merkanzija mibjugha u kkunsinnata lill-konvenut bl-ispejjez ta' ittra interpellatorja mibghuta lill-konvenut kif ukoll ta' ittra ufficcjali ta' Marzu 2001.

(ft.) Grazio Mercieca
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur